# Intietef ta' Storja Folkloristika mill-Għasri

*(il-ħames Parti)*

– *tagħrif miġbur minn* **Toni Calleja** –

## 15 • Espressjonijiet partikulari Għasrin

Fost l-akbar doti li bihom huwa mżejjem il-bniedem, barra mir-ruħ li ma tintemx, u r-raġuni – min għandu xejn, hemm il-kelma li biha nesprimu lilna nfusna fil-ferħ u n-niket tagħna. F'din il-kitba ser nittrattaw xi espressjonijiet u/jew frażijiet li f'xi żmien jew ieħor intqalu minn Għasrin, u minkejja li għadda ż-żmien minn fuqhom, uħud minnhom, għadhom ikkwotati sa llum. Ser nillimitaw rwieħna biss għal dawk l-invokazzjonijiet, ippermettuli l-kelma, li jista' jkollhom xi valur lingwistiku jew storiku ... altrimenti dil-ħarġa kollha ma kenitx tkun biżżejjed!

**i)** qawl popolari malti jgħid li: "Għall-imgħoddi m'hemmx kunsill". Jixbhu, fl-Għasri, kienu jingħadu żewġt iqwiel oħra. Salvu Galea (ta' Ċoqu: 1883-1956) kien jgħid li: *"Issa x-xemgħa ntfiet, m'hemmx x'tagħmel!"*, waqt li b'mod ġenerali kien jingħad li: *"Issa min għamel għamel għax il-muntun begħnieh"*.

Nista' nobsor. X'imħatra li l-qawl ta' Salvu qed torbtuh ma' xi ħadd li miskin: "Issa miet, ..." Le. L-espressjoni "ix-xemgħa ntfiet" mhix ewfemiżmu, voldieri użu ta' kliem aktar artab u ħelu, flok il-kelma 'miet'. It-tifsira trid tittieħed litteralment. Fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1789), l-għoti tal-gabella bis-subbasta kien isir billi uffiċċjal ta' l-Università kien jixgħel xemgħa biex jagħti bidu għall-irkant tal-gabella. Il-gabillotti, jiġifieri dawk li kienu se jidħlu għall-gabella, jew il-qbiela tar-raba', kienu dlonk jibdew jitfgħu l-offerti tagħhom. Finalment, l-irkant tal-qbiela kien jintrebaħ minn dak il-bidwi li jkun għamel l-ogħla offerta sakemm tintefa' x-xemgħa. Wara, m'hemmx x'tagħmel għax l-għasfur ikun tar.

It-tieni qawl huwa wieħed li għandu x'jaqsam mat-trobbija tal-bhejjem. Ir-raħħal li kien ikollu xi erba' nagħġiet sewwa, aktar kien jaqbillu jrabbi muntun mill-għalla ta' għamnewwel biex jgħammar bih, milli jirrikorri għas-servizz offrut mir-raġel li jdur bil-muntun. Meta r-raħħal jara li n-nagħaġ tiegħu huma kollha mbarazzati, voldieri żammew, il-muntun kien jinbiegħ għal-laħam. Wara, miskina dik in-nagħġa li tkun għadha m'għamlitx, għax għal dik l-annata tibqa' battala. F'dil-kundizzjoni, sidha, aktarx ma kienx jissaportiha għal staġun ieħor, u kienet tmur għal mal-patata l-forn. Għalhekk min għamel għamel għax il-muntun begħnieh!

**ii)** waħda omm ta' familja minn Triq Wied Sara, biex lit-tfal trawwamhom minn kmieni fil-bżulija kienet spiss tikkmandahom xi faċenda. Lil kulħadd skond l-età tiegħu. Uliedha ma kenux jiksruha, imma kienu jippruvaw jiżolqu billi jippromettulha li x-xogħol afdat lilhom, issa jagħmluh 'l għada. Il-mara ma kenitx terħilhom, u b'sens kbir ta' omm kienet twissihom u tgħidilhom: *"Uliedi, għal għada ħobż ħallu, mhux xogħol"*. X'filosofija hux!

**iii)** meta Dun Gio Battista Saliba (1813-1890) ta' Triq Tamar ma baqax jiflaħ, kienet tittawwallu xi naqra l-ġara tiegħu Marija Zammit (id-Dibiġa: 1864-1935). Meta miet, la kien hemm il-fond, ippretendiet rikumpens. Il-werrieta tfantsu għax bħalma jgħid il-qawl: "ħin il-ħlas, jibda l-qmas". Il-mara ma kienx baqgħalha għażla ħlief li tieħu l-każ quddiem il-ħaqq. Waqt li kienet fil-pedana tax-xhieda, il-Maġistrat staqsiha: *"Imma proprjament, int, f'xiex kont taqdih lir-Rev. du Saliba?"* Marija rrispondiet spirtu pront: *"Sinjur, kont naqdih f'kollox barra fid-dnub"* – risposta li fl-Għasri saret idjomatika dikment.

**iv)** Manwel Galea (il-Wiqq: 1873-1958) li għal ħafna żmien kien armat bil-funduq, voldieri bil-ħanut tal-merċa, fil-Misraħ tal-Għasri, illum Pjazza s-Salvatur, għandu attribwiti lilu żewġ frażijiet li minkejja li għaddew minn fuqhom bosta annati, għadhom validi u friski sa llum. Waħda tgħid li: *"Miskin hu min irid iservi lin-nies, u miskin hu min irid jisserva bin-nies"*. Jingħad li Manwel kien jgħid Ave Marija kuljum lil Madonna biex kemm jista' jkun ma jiġix bżonn in-nies. Għax kien jgħid li: *"In-nies jekk tiġi bżonnha turihulek il-qamar fil-bir!"*

Il-frażi l-oħra kellha x'taqsam ma' ħidmietu ta' bottegarju: *"Jekk jiftaħ ħanut Wied il-Għasri wkoll itellef għax l-ewwel nett ma jiġix hu stess"*. Ħanut f'Wied il-Għasri jiġifieri ħanut fl-aktar parti stramana u diżabitata tar-raħal fejn l-inqas li jista' jkun effettiv. B'dan, il-Wiqq ried ifisser kemm hi ħarxa l-kompetizzjoni fil-kummerċ, u kemm in-negozjant irid jibża' għal kull klijent.

**v)** Karmnu Mintoff (l-Oħxon tar-Roll: 1899-1983) ta' Triq il-Wilġa kien jgħid li: *"Min ma jixba' qatt, dejjem bil-ġuħ"*. Dan ifisser li dawk it-talin li qatt m'huma kuntenti b'dak li l-Bambin ipprovdielhom, dejjem iridu aktar. Karmnu kien itemm jgħid li: *"Għal dil-kwalità ta' nies, kwiet u paċi, fid-dinja m'hemm imkien"*. Kien jirreferi għalihom ukoll bħala *'imsieken!'*.

**vi)** sa ċirka nofs is-snin sittinijiet tas-seklu li għadu kemm ħalliena, il-bejjiegħa tal-ħut fis-suq tar-Rabat, b'ħanġra daqsxiex, u bi ftaħir kien jgħajtu: *"Tal-Għasri ċ-Ċawl"*. Iċ-ċawl maqbud minn mal-kosta tal-Għasri, voldieri mit-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ sa Ras ir-Reqqa, allura min-naħa tat-tramuntana, huwa rinomat bħala l-aħjar, minħabba l-blata qawwija, il-fond tal-baħar, u l-indafa. Iċ-ċawla hija ħuta tal-qiegħ li tgħix fuq ħlejjaq żgħar marini. Imma fejn il-baħar hu baxx, il-penetrazzjoni tax-xemx tippermetti li jikber ċertu ħaxix li ċ-ċawla tirgħa minnu; u fejn il-blata mhix sħiħa, iċ-ċawla għandha t-tendenza li tlaqqat ukoll minn dawk il-partiċelli li jarmi s-sies. Perkonsegwenza titlef dik il-konsistenza ta' ebusija, u fil-palat tnaqqas ħafna mill-benna tagħha.

Ftakru, tinsewx, għall-aljotta, *'Tal-Għasri ċ-Ċawl'*, l-aħjar!

**vii)** fl-1911 miet il-Viċendarju tal-Għasri Dun Ġużepp Vella. Floku ntbagħat Dun Karm Caruana, saċerdot żagħżugħ min-Nadur. In-nies tant ħadu grazzja miegħu mill-ewwel li ħafna bdew jistednuh id-dar. Minkejja li kien jagħraf il-ġenwinità tagħhom, hu kien jirrofta taħt dil-premessa: *"Lili fittxuni dejjem. Għal bżonn niġi mit darba; bla bżonn ma niġix darba"*. Dikjarazzjoni saġġa ħafna, għax il-ħbieb sal-bieb! L-Għasrin ta' ċerta età għadhom jiċċitawha s'issa.

**viii)** Mikiel Attard (Pilat; magħruf ukoll bħala 'Tgħidli tgħidli': 1842-191?), ġuvni, bin Frenċ, ta' Triq il-Wilġa, kellu ħafna fuq ilsienu l-frażi *"Ammán 'l hinn"*. L-Għasrin kienu jitbissmu għax kienu jaħsbu li Mikiel moħħu banswa. Billi t-tifsira ta' dil-frażi antikissima laħqet intilfet mal-medda taż-żmien, ir-raġel kien jiftiehem li jrid iressaq l-għolja ta' Għammar aktar 'l hemm; aktar lejn l-Għarb! Kienu jfixklu 'Ammán' ma' 'Għammar'. Għalhekk kienu jitbissmu.

Barbera jgħid li AMMÁN hija kelma li tindika ż-żmien futur, u jipproduċi dawn l-eżempji: ammán fil-għaxija; ammán meta tikber; u ammán fi xjuħitna.

**ix)** qawl, jew ma nafx x'taqbad tgħidlu, li min jaf kemm-il darba smajtu jingħad, anzi jitgħanna, l-Għasri, fosthom minn Missieri, hu: *"Is-Sinjuri kollha xtraw u l-Foqra baqgħu jaraw"*. Bħala tifel dejjem kont nistaqsi x'il-mnagel (it-taħsira ta' "mniegħel") xtraw dawn l-imberkin sinjuri, però qatt ma jidhirli li ħadt xi risposta bis-sens. Bilfors li fiha ċ-ċajt!

Barra mill-Għasri ma jidhirli li smajtu qatt.

**x)** fis-sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor fi Triq il-Fanal, f'dik il-parti li llum hi Triq Dun Karm Caruana, seħħ inċident stradali bejn żewġ vetturi bil-mutur. Niżżiħajr 'l Alla ma weġġa' ħadd, u l-ħsara fl-inġenji kienet minima. Is-sewwieqa bdew jargumentaw u l-biċċa kienet għall-Qorti. Wieħed mill-Għasri li nzerta fuq il-post, raħħmihom ħafna biex jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjoni tagħhom u jaraw jaslux għal xi xorta ta' kompromess mingħajr il-ħtieġa tal-Pulizija. Ħu wieħed mil-litiganti widdbu biex ma jindaħalx. Spirtu pront, miksur u avvelut, ir-raġel li ried iressaqhom lejn xulxin bil-kwiet, irrisponda: *"Jien tkellimt għall-ġid, għax għalija tistgħu ddumu l-ħabs sakemm jinbaħ kelb tal-ġebel!"* Marijasantissma!

Billi għadha friska, jiċċitawha mhux ħażin.

**xi)** nies mill-Għasri, fosthom iz-zija Kelina Calleja (ta' l-Aħmar: 1895-1977), ta' Triq il-Fanal, ġie li smajthom isemmu l-frażi *"La kar u lanqas pinna"*, voldieri xi ħadd li m'għandu xejn f'idejh. Kienet tintuża f'das-sens: "U dak kif ser jiżżewweġ, la kar u lanqas pinna!", voldieri li la għandu xogħol u lanqas flus imfaddla biex iżomm familja.

Skond Patri Manwel Magri, f'Għawdex, il-frażi kienet użata mingħajr il-partiċella pronominali inizzjali: "Mingħajr kar u pinna". Kar hija karrettun. Il-Maltin kienu jgħidu 'karrettun' minn carrettone (mill-Isqalli Carrettùni). Però skond il-Magri, l-Għawdxin kienu jgħidu biss *'kar'* minn carro (mill-Isqalli càrru).

Nifhem, li b'mod aktar sempliċi, din il-frażi tfisser li dak li jkun la kellu xogħol ta' l-id u lanqas tal-moħħ ... lampa stampa!

**xii)** f'kull damma ta' qwiel maltin wieħed jiltaqa' ma' numru mdaqqas li lkoll jittrattaw dwar it-tifħir. Komuni f'Għasri nsibu minn talanqas erbgħa; tlieta minnhom smajthom biss hawn ir-raħal. Salvu Vella (in-Nannu matern: 1889-1978) kien iħobb isemmi dawn it-tnejn: "Ftaħir u qdusija, aqta' disgħa u disgħin fil-mija"; u "Jew tgħid jew tagħmel, jew tiftaħar jew ikollok". L-ewwel qawl jista' jitfisser b'qawl ieħor: "Il-flus u t-tjieba t-tnejn giddieba". Tat-tieni jfisser lilu nnifsu. Tona Attard, xebba Agius (ta' Jesisi: 1882-1943) ta' Triq il-Fanal, kienet tgħid li: "Jew niftaħ il-bieb u niftaħar, jew nagħalqu u ninsatar", voldieri, meta

tistieden in-nies f'darek qis li tittrattahom sewwa, inkella tintriga b'xejn. Qawl ieħor li smajtu biss fl-Għasri, u li però ma sibtx l-oriġini tiegħu, jgħid li: *"Meta l-għadu jibda jfaħħrek, snienu jkunu ġa f'patattek"*, jiġifieri l-għadu jfaħħrek, biex int teħla, tafdah, u jigdmek ... imbagħad waħwaħ kemm trid!

**xiii)** sa meta kien għadni mmur l-iskola primarja tal-Għasri, allura lejn l-aħħar tal-ħamsinijiet u l-bidu tas-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, kien hemm joqgħod fi Triq il-Misraħ, ċertu Ġużepp Apap (id-Dunuru: 1890-1969). Meta t-temp jaqleb u d-dinja tisħon, f'nofsinhar, Ġużepp kien iħobb joqgħod daqsxejn għar-rwieħ mindud fit-triq, b'rasu mistrieħa fuq l-għatba ta' daru. Aħna t-tfal li konna niskolaw min-nofsinhar sas-sagħtejn, kien l-għors tagħna nieqfu naqsmu kelma miegħu. Xħin inxebbgħuh kien jgħidilna: *"Isa, issa morru għax il-baqra faqqset!"* Konna nagħmlu festa għax tgħidx kemm konna niżżufjettaw b'din l-imbierka baqra tad-Dunuru. Minkejja li konna tfal, xorta konna nafu li l-baqra tiled, u mhux tfaqqas. It-triq kollha, kulħadd ifendi xi waħda u jidħak: "Mela l-baqra qroqqa jew, biex tfaqqas!"; "Mur ara l-baqra fil-binnija*!"; "Tgħid kemm-il wieħed u għoxrin ġurnata tiegħu biex tfaqqas il-baqra?"

Maż-żmien skoprejt kemm iżżufjettajna għal xejn, għax il-frażi *'il-baqra tfaqqas'* tfisser li l-baqra neħħiet il-madmad minn fuq għonqha, għax ma riditx taħrat. U aħna ma ridniex nifhmu ... kellux raġun ikeċċina Ġużepp!

* **Binnija** – il-bejta; it-tagħqida li tagħmel il-qroqqa stess f'xi mandra, ġos-siġar ta' d'indja, qasab, jew ħxejjex oħra.

**xiv)** waħda mill-aktar espessjonijiet komuni fl-Għasri f'dawn l-aħħar sebgħin sena hija: *"Minn hawn għal tar-Rmit!"*. 'Tar-Rmit' huwa l-isem toponomastiku tar-raba' ta' fejn huwa mibni ċ-ċimiterju tar-raħal. Ir-raħlin jużaw l-isem *tar-Rmit* b'retorika, u b'ewfemiżmu minflok il-kelma *'mewt'*, naturalment kollox b'rabta simbolika maċ-ċimiterju parrokkjali, il-post li meta jmutu jindifnu fih.

**xv)** espressjoni oħra endemika għall-Għasri, simpatika ħafna, u li llum ma għadekx tismagħha b'nemes, hija: *"Mela ser tagħmel bħal omm Roża ta' Peppi, għax biesha ħarkitu!"*. Din l-espressjoni kienu jgħiduha għal min jagħmel plejtu fuq ix-xejn. Roża kienet tfajla minn Wied Sara li meta żżewġet kienet toqgħod fi Triq il-Fanal, dik il-parti li llum hi Triq Dun Karm Caruana. Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, Peppi Vella (1871-1959), ġuvni minn Triq il-Ġonna, l-Għasri, tgħarras ma' Roża Formosa (1885-1965) – tfajla rinomata għal sbuħitha – u waqt li kien għandhom, sab l-okkażjoni jtiha bewsa bis-serqa. Qabditu ommha u ħarkitu! Telgħu l-Qorti u gżatu: *"Sinjur, bishieli bishieli!"* Il-Maġistrat inzerta b'rasu fuq għonqu aktar minn omm l-għarusa, u b'ton ta' qisu qed ikellem tifla żgħira, irrisponda: *"Imma dak għax iħobbha, taf!"*, u keċċiehom 'l isfel. U mhux tabilħaqq. X'ippretendiet!

Huma u neżlin flimkien mit-'Telgħa tal-Belt', ftiehmu fuq Jum it-Tieġ. Taraw! Imbagħad forsi ssib min jgħidlek li ta' Ġaħan mhux kollha minnhom!